TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 131/14/GB

**Peter Gatt**

**vs**

**Brandon Theuma – Krea (Malta) Ltd.**

Illum 30 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrent talab illi jithalla jixtri gwardarobba ghall-prezz ta' hamsa u tmenin Ewro (€85.00), a bażi tal-fatt illi huwa kien ordna l-imsemmija gwardarobba minn fuq is-sit elettroniku tas-socjeta' ntimata, liema gwardarobba fil-fatt kienet qed tindika l-prezz żbaljat.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien ordna gwardarobba minn fuq is-sit elettroniku tas-socjeta' ntimata, ghall-prezz ta' hamsa u tmenin Ewro (€85.00), pero' sussegwentement, is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrent illi kien hemm xi problema bis-sit taghha u l-prezz indikat kien żbaljat.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent ihoss illi ghandu jithalla jixtri l-gwardarobba in kwistjoni ghall-prezz indikat meta ordnah minn fuq is-sit.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu mil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebixxa erbgha (4) dokumenti, li gew immarkati minn Dok.PG1 sa Dok.PG4.

It-Tribunal, wara li ra r-regolament numru 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li s-socjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum, stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta tas-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, is-socjeta' ntimata baqghet kontumaci.

It-Tribunal jinnota wkoll illi s-socjeta' ntimata offriet illi tbiegh il-gwardarobba in kwistjoni lir-rikorrent b'nofs il-prezz oriġinali ta' tliet mija disgha u erbghin Ewro (€349.00), u cioe' ghall-prezz ta' mija erbgha u sebghin Ewro u hamsin ċenteżmi (€174.50), pero' r-rikorrent ma aċċettax tali offerta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, japprezza l-fatt illi l-izball li sar rigwardanti l-prezz tal-gwardarobba in kwistjoni kien żball ġenwin da parti tas-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghall-offerta tas-socjeta' ntimata, u cioe' illi l-gwardarobba in kwistjoni tinbiegh lir-rikorrent ghall-prezz ta' mija erbgha u sebghin Ewro u hamsin centezmi (€174,50), b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza. Madanakollu, it-Tribunal pero', japprezza l-fatt illi r-rikorrent ma nghatax is-servizz mistenni mis-socjeta' ntimata, billi l-prezz indikat fuq is-sit elettroniku kien wiehed zbaljat, liema zball zgwida lir-rikorrent fuq l-ordni li ghamel, u ghalhekk, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitt Ewro (€100.00) lir-rikorrent bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**